**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *ETI Gıda Sanayi ve Ticaret AŞ hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 276, 6.8.2018.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Jannar 2019 – Theodorakidi vs EUIPO – Benopoulou (THYREOS VASSILIKI)**

**(Kawża T-160/18)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea THYREOS VASSILIKI — Dikjarazzjoni ta' invalidità — Dritt għall-isem Vassiliki fil-Greċja — Raġuni relattiva ta' invalidità ibbażata fuq il-ksur ta' dritt għall-isem — Artikolu 60(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 — Rikors manifestament infondat fid-dritt")***

(2019/C 93/79)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Vassiliki Theodorakidi (Veroia, il-Greċja) (rappreżentant: F. Ikonomidou Ikonomou, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: K. Markakis, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Vassiliki Benopoulou (Kifissia, il-Greċja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Diċembru 2017 (Każ R 40/2017-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn V. Benopoulou u V. Theodorakidi.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Vassiliki Theodorakidi għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

---

([1]) ĠU C 152, 30.4.2018.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Jannar 2018 – MLPS vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-304/18)** ([1])

***(Rikors għal annullament u għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Twaqqif ta' ilment — Rifjut tal-Kummissjoni li tibda proċedura bbażata fuq l-Artikolu 7 TUE — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Nuqqas ta' inċidenza — Inammissibbiltà)***

(2019/C 93/80)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Mouvement pour la liberté de la protection sociale (MLPS) (Pariġi, Franza) (rappreżentant: M. Gibaud, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: H. Tserepa–Lacombe u H. Krämer, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Marzu 2018 li tirrifjuta li tkompli l-ipproċessar ta' ilment intiż sabiex tinbeda proċedura bbażata fuq l-Artikolu 7 TUE kontra r-Repubblika Franċiża u, min-naħa l-oħra talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni naqset b'mod illegali milli tkompli l-ipproċessar ta' dan l-ilment.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Il-Mouvement pour la liberté de la protection sociale (MLPS) huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 259, 23.7.2018

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Jannar 2019 – Szécsi u Somossy vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-331/18)** ([1])

***("Rikors għad-danni — Dritt istituzzjonali — Nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni milli tiegħu miżuri xierqa sabiex tiżgura ruħha mill-osservanza, mill-qrati Ungeriżi, tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2005/29/KE u tar-regola ta' traspożizzjoni nazzjonali relatata miegħu — Inammissibbiltà")***

(2019/C 93/81)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* István Szécsi (Szeged, l-Ungerija) u Nóra Somossy (Szeged) (rappreżentant: D. Lazar, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Bertelmann u N. Ruiz García, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrenti kienu allegatament issubixxew mill-fatt tal-ksur mill-Kummissjoni tal-obbligu ta' sorveljanza tagħha.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *István Szécsi u Nóra Somossy huma kkundannati għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 259, 23.7.2018.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Jannar 2019 – Prigent vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-436/18)** ([1])

***(Rikors għal annullament — Twaqqif ta' ilment — Rifjut tal-Kummissjoni li tibda proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Nuqqas ta' inċidenza diretta — Inammissibbiltà)***

(2019/C 93/82)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Claude Prigent (Caudan, Franza) (rappreżentant: A. Bove, avukat)